MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 180/2012

**Carmel Genovese (234565M) u Josette (Josephine) Genovese (432468M)**

***kontra***

**VG Shutter and Concrete Works Limited (C-21877)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-21 ta\` Frar 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-partijiet kollha ghamlu konvenju dwar bejgh ta\` proprjeta\` datat 13 ta\` April 2006 liema konvenju llum tilef kull sahha ai fini u effetti kollha tal-ligi;*

*2. Illi skond skrittura li saret mill-partijiet fit-22 ta` Awissu tas-sena 2006 is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha sabiex thallas l-ammont ta` Lm13,320 ekwivalenti ghas-somma ta` wiehed u tletin elf u sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (Ewro 31,027.25) li nghata bhala depozitu;*

*3. Illi permezz tal-ittra gudizzjarja datata 27 ta` April 2010 ir-rikorrenti nterpellaw lis-socjeta` intimata halli din thallas l-ammont suindikat u nonostante s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;*

*4. Illi ghalhekk illum-il gurnata u fid-data tal-prezentata tal-prezenti kawza s-somma ta` wiehed u tletin elf u sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (EUR31,027.25) hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mis-socjeta` konvenuta lill-attur u wkoll is-socjeta` intimata konvenuta fil-kawza odjerna m`ghandha l-ebda linja difensjonali x`taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet ta` l-atturi u b`hekk jezistu c-cirkostanzi kollha kkontemplati fl-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh in kwantu dan jirrigwarda t-talbiet attrici ghall-hlas;*

*Ghaldaqstant l-atturi, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lir-rikorrent is-somma ta` wiehed u tletin elf u sebgha u*

*ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (EWR31,027.25).*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 27 ta` April 2010, bl-oghla imghax skond il-ligi minn meta tali ammont gie dovut u cioe` mit-22 ta` Awissu tas-sena 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez u tal-Mandat ta` Inibizzjoni bin-numru (sic) imressaq kontestwalment mal-prezenti kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat illi ma kinux rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex din il-Qorti tkompli tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali. Ghalhekk fl-udjenza tat-3 ta` April 2012 ipprovdiet illi r-rikors guramentat attrici ma kellux jibqa` aktar regolat bil-procedura sommarja specjali u kellu jitqies bil-procedura normali.

Rat illi ghalkemm debitament notifikata bl-atti promotorji u bl-avviz ta` smigh tal-kawza, il-kumpannija konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata, u ghalhekk kellha titqies fi stat ta` kontumacja.

Rat illi fl-udjenza tal-lum baqa` ma deher hadd ghall-kumpannija konvenuta ghalkemm issejjah diversi drabi skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-lum u rat id-dokument minnu esebit seduta stante.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati skond il-ligi, din il-Qorti qieghda, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont minnha dovut ta` wiehed u tletin elf u sebgha u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€31,027.25), bl-imghax legali b`effett mis-27 ta` April 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Fit-tielet lok tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta` April 2010, u dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 228/12MCH.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------